


FORM 4
OPTION

Downloaded from
studjisocjali.com

# IL-POLITIKA

© Ms Graziella Bonavia

Downloaded from studjisocjali.com




- Definizzjoni ta' politika, poter, awtorità, gvern u l-Istat.
- Iċ-ċittadinanza: l-ugwaljanza, il-libertà, and l-istat tad-dritt.
- Drittijiet u dmirijiet ċiviċi.
- Iċ-ċentralizzazzjoni u d-deċentralizzazzjoni tal-gvern.
- Ideoloġiji politiċi (id-demokrazija, iddittatorjat, il-politika totalitarja, il-monarkija).
- Il-karatteristiċi tad-demokrazija – is-separazzjoni tal-poter, il-pluraliżmu, il-libertà tar-reliġjon, tal-espressjoni, tal-assoċjazzjoni u l-moviment, ir-rappreżentazzjoni, it-trasparenza u l-kontabbiltà.
- Is-sistema tal-gvern ta' Malta: demokrazija parlamentari – ir-rwol tal-Parlament; il-funzjonijiet u r-rwol tal-President tar-Repubblika; ir-rwol tal-Ġudikatura; il-poteri leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji tal-Istat; il-karatteristiċi ewlenin tal-Kostituzzjoni; il-Kabinett; l-importanza u r-rwol tal-Oppożizzjoni.
- Ir-rwol tal-partiti politiċi f'Malta.
- Il-punti ewlenin fl-istorja politika ta' Malta mit-Tieni Gwerra 'l hawn: l-Indipendenza (1964), ir-Repubblika (1974), Malta ma tibqax bażi militari Ingliża (1979), u s-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea (2004).
- Il-gvernijiet lokali bħala eżempju ta' deċentralizzazzjoni tal-poter: ir-rwol u l-funzjoni tal-kunsilli lokali f'Malta; kif dawn jiġu eletti; proġetti u inizjattivi meħudin mill-kunsilli lokali.
- Ir-rappreżentanza ta' Malta fuq livell supranazzjonali (l-UE; il-Ftehim Schengen, 2007; Membru taż-Żona Ewro, 2008) u internazzjonali (il-Commonwealth; il-Ġnus Magħquda).
- Ir-rappreżentanza ta' Malta fil-Parlament Ewropew



© Ms Graziella Bonavia

Downloaded from studjisocjali.com

# Il-Politika

## Il-Politika bħala proċess ta' parteċipazzjoni fil-ħajja ċivika

Il-politika tista' tidher bħala dak il-proċess fejn gruppi ta' nies jieħdu ċertu deċizjonijiet u allura dan jimplika li n-nies ikollhom xi forma ta' kontroll fuq ħajjithom. Għaldaqstant, il-poter huwa aspett importanti fil-politika għax teżisti l-possibilita' li tinfluwenza l-azzjonijiet tal-oħrajn.

Biex tagħmel parti minn soċjeta' jinvolvi d-drittijiet u r-responsabiltajiet. Drittijiet jinkludu dawk l-aspetti li kull individwu jista' jgawdi minħabba li kull persuna tagħmel parti importanti mill-komunita'. Barra li jipprevenu d-diskriminazzjoni, id-drittijiet jgħinu ċ-ċittadini jesprimu ruħhom ħalli jsiru membri ta' liema grupp iridu. Id-drittijiet jippermettu lin-nies jagħżlu dak li jemmnu fih. Fuq in-naħa l-oħra, l-obbligazzjonijiet huma dawk ir-responsabiltajiet li ċ-ċittadini jerfgħu biex jagħmlu parti minn tip ta' ordni soċjali. Gruppi differenti jista' jkollhom dmirijiet differenti. Iżżomm il-liġijiet tal-Istat, tħallas it-taxxi u sservi f'ġuri meta jgħajtulek huma eżempji ta' obbligazzjonijiet ċivili.



© Ms Graziella Bonavia

Downloaded from studjisocjali.com




Soċjetajiet differenti joffru drittijiet differenti u dmirijiet fuq il-membri tagħhom. Soċjetajiet li jaddottaw sistema politika fejn id-drittijiet tal-individwu huma irrispettati u mħarsa mill-istituzzjonijiet tal-Istat, huma **soċjetajiet demokratiċi.**

Maż-żmien, il-monarkija (re jew reġina) bdew jitilfu l-poter u l-pajjiżi bdew jitmexxew minn gvernijiet. Kien hemm ukoll żvilupp minn gruppi ta' interess (interest or pressure groups) li kienu ġejjin minn kull strata/klassi tas-soċjeta' (bdiewa, ħaddiema, nobbli) li ħadmu ħafna sabiex jillimitaw il-poter li kellhom il-monarkija jew mexxejja oħra. Aktar parteċipazzjoni fil-ħajja ċivika, fissret anqas poter għall-monarkija u li dan eventwalment irriżulta f'ambjent demokratiku , u għalhekk il-kunċett ta' **pluraliżmu,** fejn kulħadd jista' jsemma' leħnu, sar possibbli fis-soċjeta'.

## Partiti Politiċi u l-ħajja Demokratika taċ-Ċittadini

Qabel ma nħarsu lejn il-ħajja demokratika taċ-ċittadini, hu importanti li nifhmu eżatt xi tfisser demokrazija. Il-kunċett ta' demokrazija ġiet stabbilita' fil-Greċja madwar 400 sena qabel Kristu, u infatti l-kelma nnifisha ma tantx tbiddlet minn dak iż-żmien. Il-kelma demokrazija ġejja minn żewġ kelmiet Griegi – demos (tfisser poplu) u kratos (tfisser setgħa). Għaldaqstant il-kelma demokrazija.


© Ms Graziella Bonavia

Downloaded from studjisocjali.com

Wieħed mid-drittijiet fundamentali f'pajjiż demokratiku, hu d-dritt li tivvota. Id-dritt li tivvota juri s-sovranita'(stat indipendenti) ta' poplu ħieles. L-elezzjonijiet huma mezzi ta' kif iċ-ċittadini jistgħu jipparteċipaw fl-għażla ta' min ser imexxi l- Istat tagħhom. Permezz tal-elezzjonijiet, iċ-ċittadini mhux biss jagħżlu lil min ser imexxihom, imma jkunu qegħdin jagħtu l-awtorita' lill-partit elett biex jiggverna.

Is-saħħa tad-demokrazija tiddependi fuq kemm tkun pluralista s-soċjeta'. **Il-pluraliżmu** jfisser li s-soċjeta' trid taċċetta l-fatt li membri differenti jista' jkollhom opinjonijiet differenti. Soċjeta' demokratika tirrikonoxxi din il-varjeta' u tipprovdi l-mezzi neċessarji fejn kull ċittadin jew kull grupp ikun jista' jsemma' leħnu u jagħti l-opinjoni tiegħu mingħajr biża' li se jiġi diskriminat.

**demokrazija** tirreferi għal sistema politika fejn il-poplu jmexxi. Sistema demokratika qaċċtet sistemi oħra bħal dawk fejn kien hemm il-monarkija jew sistemi dittatorjali (eż: Hitler jew Gadaffi). It-tmexxija tal-pajjiż ġiet f'idejn nies eletti miċ-ċittadini stess.

Aspett ieħor importanti tad-demokrazija hija dik ta' **rappreżentazzjoni**. Iċ-ċittadini tal-pajjiż, jew jirrappreżentaw lilhom infushom jew jiġu rappreżentati minn xi ħadd ieħor. Dan tal-aħħar hu ovvjament aktar komuni



© Ms Graziella Bonavia

Downloaded from studjisocjali.com

għax ħafna miċ-ċittadini jafdaw lil ċittadini oħra (kandidati) biex jippromwovu u jħarsu l-interessi tagħhom.

Ħafna drabi fejn hemm il-pluraliżmu ikun hemm numru kbir ta' organizzazzjonijiet (NGOs) li jippromwovi interessi differenti. Dawn l-għaqdiet jorganizzaw attivitajiet u jagħmlu pressjoni fuq individwi oħra u fuq il-membri tal-parlament, biex ikomplu jimbuttaw l-ideat u t-twemmin tagħhom. Dawn l-għaqdiet insejħulhom ukoll **gruppi ta' pressjoni**. Dawn il-gruppi jagħmlu pressjoni fuq is-soċjeta' biex iġġiegħel lill-membri tas-soċjeta' jew lill-gvern jieħdu ċertu miżuri. Gruppi ta' interess (innota li dawn nistgħu nirreferu għalihom ukoll bħala gruppi ta' pressjoni) normalment jippromwovu l-interessi tal-individwi u jissodisfaw it-talbiet taċ-ċittadini – dawn il-gruppi jkollhom numru kbir ta' membri. Trejd unjins (trade unions) u partiti politiċi huma eżempji perfetti ta' gruppi ta' pressjoni lokali. F'soċjeta' pluralista ċ-ċittadini jistgħu jingħaqdu ma' dawn il-gruppi, u għalhekk, jistgħu jġibu ċertu aġġustamenti fis-soċjeta' tagħhom. Aktar ma jkun kbir il-grupp, aktar tkun b'saħħitha l-pressjoni li jagħmlu biex iġibu l-bidla soċjali. Per eżempju gruppi ta' pressjoni ħadmu u nfluwenzaw biex daħal id-divorzju f'Malta. Dan kollu jindika li f'Malta hawn il-

**liberta' tal-espressjoni u tal- assoċjazzjoni**
– żewġ drittijiet ċivili li ssibhom f'pajjiżi demokratiċi.


© Ms Graziella Bonavia

Downloaded from studjisocjali.com

## L-irwol tal-Partiti Politiċi

Kif diġa' intqal, gruppi differenti fis-soċjeta' għandhom interessi u twemmin differenti. Nistgħu ngħidu li partit politiku hu **grupp ta' interess** minħabba li jirrispetta u jippromwovi għanijiet partikolari. Partit politiku jista' eventwalment jifforma parti minn kabinett (gvern - ministri u segretarji parlamentari), fejn imbagħad ikunu jistgħu jilleġislaw u jwettqu politika (policies) li tkun ibbażata fuq il-valuri tagħhom. Partiti politiċi ikollhom valuri, prinċipji u twemmin (ideoloġija) differenti minn partiti oħra. Għaldaqstant, malli partit jitla' fil-gvern, dawn jistgħu jwettqu dak kollu li jemmnu fih u li jkunu wiegħdu fil-manifest elettorali (wegħdiet li jagħmlu l-partiti politiċi qabel l-elezzjoni).




© Ms Graziella Bonavia

Downloaded from studjisocjali.com

## Is-Sistema Parlamentari

Is-sistema parlamentari hija eżempju wieħed biss ta' sistemi politiċi. Il-politika hi dwar it-teknika li tintuża sabiex l-awtoritajiet ikunu jafu kif ser jorganizzaw is-soċjeta' u l-membri tagħha. Verament hemm tipi differenti ta' sistemi politiċi, bħal **Komuniżmu** (eż:Cuba), **Faxxiżmu** (eż:Hitler), **Demokrazija** (eż:Ewropa u l-Amerika) u **Monarkija**. F'dan il-kapitlu niffukaw fuq is-sistema demokratika minħabba li din hija s-sistema politika f'Malta.

Normalment, is-sistema parlamentari hija parti mit-tip ta' tmexxija demokratika. Sabiex tifhem din aħjar, hu importanti li tħares lejn x'jikkonstitwixxi parlament. Il-parlament jirreferi għal dak il-grupp ta' nies (f'demokrazija eletti miċ-ċittadini tal-pajjiż) li jiltaqgħu biex jiddiskutu kwistjonijiet relatati mat-tmexxija tal-Istat. Fis-sistema parlamentari lokali, il-Kap tal-Gvern hu l-Prim Ministru, waqt li l-Kap tal-Istat hu/i l-President/a tar-Repubblika.

F'Malta, il-President hu elett mill-parlament u mhux direttament miċ-ċittadini, waqt li fl-Amerika per eżempju, il-President jiġi elett min-nies. Għalhekk l-Amerika għandhom sistema differenti.

F'sistemi oħra (Monarkija) l-Kap tal-Istat jista' jkun re jew reġina. Fis-sistema parlamentari preżenti ta' Malta, hemm id-


© Ms Graziella Bonavia

Downloaded from studjisocjali.com

**diviżjoni tal-poter** bejn l-**amministrazzjoni** (ministeri u dipartimenti tal-gvern, il-**leġislatura** (il-parlament), u l-**ġudikatura** (il-qrati).

F'Malta, l-elezzjonijiet isiru kull ħames snin. Kull ċittadin 'l fuq minn 18-il sena (jew 16-il sena), hu eliġibbli biex jivvota lil min irid. Il-kandidati li joħorġu għall-elezzjoni, jiġu eletti skont kemm iġibu voti. Is-sistema elettorali tuża s-sistema ta' **rappreżentanza proporzjonali**, fejn il-pożizzjoni tal-kandidati eletti jirrappreżentaw direttament l-opinjonijiet tal-votanti. Malta hija maqsuma fi tlettax-il distrett elettorali, fejn f'kull distrett hemm grupp ta' lokalitajiet.





© Ms Graziella Bonavia

Downloaded from studjisocjali.com

**Il-Kunsill Lokali u l-rwol tagħhom fl-Iżvilupp tal-Komunita'**

Il-kunsilli lokali huma tipi iżgħar ta' korpi governattivi li ġew imwaqqfa biex jieħdu ħsieb il-lokalitajiet Maltin. Il-kunsilli lokali ġew stabbiliti fin-1993. L-elezzjonijiet għall-kunsilli lokali isiru kull erba' snin u tintuża sistema ta' rappreżentanza proporzjonali kif isir fl-elezzjoni ġenerali. Is-sindku tkun dak il-persuna li ġġib l-aktar voti minn fost il-kandidati ta' partit politiku li jkunu tellgħu l-aktar kunsilliera.

Qabel kienu jeżistu l-kunsilli lokali, Il-Knisja ta' Malta kienet timla' dan il-vojt politiku, fejn ħafna mill-attivitajiet lokali u d-deċiżjonijiet kienu jittieħdu mill-kappillan tal-lokal. Infatti, il-parroċċa u l-qaddis patrun kienu jissimbolizzaw il-ħajja komunitarja ta' kull lokalita' Maltija u Għawdxija.

Tabilħaqq, qabel, u għal żmien twil, ma kienx hemm separazzjoni bejn il-Knisja u l-Istat, u l-kappillan kien jokkupa rwol importanti ħafna fil-komunita'. Fil-fatt il-kappillan ma kienx awtorita' fuq kwistjonijiet reliġjuzi biss, iżda wkoll fuq dawk soċjali. Din id-dipendenza fuq il-Knisja, damet sakemm in-nies bdew jedukaw ruħhom. Dan il-fatt flimkien mal-kontribuzzjoni li l-Istat beda jagħti fil-qasam soċjali (welfare), il-Knisja naqqset il-poter li kellha qabel.

Bħalissa hawn 68 Kunsilli Lokali – 54 f'Malta u 14 f'Għawdex. Fl-2009 kien hemm riforma fil-Liġi biex il-Kunsilli Lokali jkollhom rwol aktar importanti fil-komunita'.


© Ms Graziella Bonavia

Downloaded from studjisocjali.com

## L-Għanijiet tal-Kunsilli Lokali

Bil-liġi tat-2009 dwar il-governanza tal-Kunsilli Lokali, issaħħu erba' għanijiet. Dawn huma:

a) Devoluzzjoni tal-poter

b) Diċentralizzazzjoni tal-poter

c) Depolarizzazzjoni

d) Maniġjar demokratiku

**Iżda dawn xi jfissru? U għaliex huma importanti?**

**Devoluzzjoni tal-Poter** – dan ifisser li ċertu poteri politiċi li qegħdin f'idejn il-gvern ċentrali, qed jgħaddu f'idejn il-kunsilli lokali. Eżempju: Il-libreriji lokali saru responsabbilta' tal-kunsilli lokali.

**Deċentralizzazzjoni tal-Poter** – dan jirreferi għal kif ċertu responsabbiltajiet mhux qed jibqgħu biss f'idejn il-gvern ċentrali. Deċentralizzazzjoni tal-poter jirrikjedi li jkun hemm interazzjoni tajba bejn il-kunsilli lokali u istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet oħra. Eżempju: Il-kunsilli lokali jaħdmu id f'id mal-MEPA (Malta Environmental and Planning Authority). Ħafna mid-deċiżjonijiet u x-xogħol li hu marbut mal-ambjent fiżiku tal-lokal, qed isir mill-kunsilli lokali.



© Ms Graziella Bonavia

Downloaded from studjisocjali.com

**Depolarizzazzjoni** – dan il-għan jipprova jnaqqas il-qasma politika li teżisti bejn il-kandidati eletti li jkunu ġejjien minn partiti politiċi differenti. Għalkemm hu impossibbli li tneħħi l-influwenza politika tal-partiti kbar, imma għall-anqas din l-influwenza tonqos xi ftit fuq livell lokali.

**Maniġjar Demokratiku** - dan l-għan jipprova jtejjeb ir-responsabbilta' għall-amministrazzjoni aktar sostenibbli billi ċ-ċittadini jikkontribwixxu fid-deċiżjonijiet li jaffettwaw il-lokal. Dan jista' jsir billi ċittadini jservu fuq kumitati u jipparteċipaw f'attivitajiet u diskussjonijiet li jirrigwardjaw il-lokal. Kull ċittadin hu mħeġġeġ biex jagħti l-opinjoni tiegħu dwar kwistjonijiet u politika li taffettwa lilu.


© Ms Graziella Bonavia